**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 07**

**Data:** **15 ta' Novembru, 2019**

**Hin:** **10.50am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

07.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

07.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

07.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

07.5 Korrispondenza u Rapporti;

07.6 App tal-Kunsill Lokali l-Gharb;

07.7 Xogholijiet u Progetti;

07.8 Skrivan/a – Part-Time Flexible Hours;

07.9 Festival Novembru 2019;

07.10 Permess ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar Numru PA8321/19;

07.11 Kalendarju Kulturali 2019;

07.12 Skeda ta' Pagamenti;

07.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**07.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

06.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologgija.

**07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

06.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**07.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.3.1 Is-Sindku talab skuza tad-dewmien, pero' spjega li dan sar ghar-raguni li l-Kunsill kien qieghed jissottometti progett ghall-fondi Ewropej li kien jaghlaq fl-istess gurnata. Huwa spjega li dan kien progett taht il-Gozo Action Group (LAG) fejn jekk jigi milqugh dan il-progett, 80% tieghu jigu mill-fondi Ewropej filwaqt li 20% ikunu minn fondi tal-Kunsill. Huwa zied jghid li da nil-progett jitratta dwar Familja u kopji zghar fejn l-ghan principali huwa li Ghawdex jinzamm govanili. Gie spjegat li l-applikazzjoni sottomessa mall-Kunsill kienet titrattata fuq bini fit-tieni sular tal-Kunsill li ghalih kien hemm diga l-permessi mehtiega fejn hemmhekk jigi kkrejat centru li jservi bhala hub ghall-Ngo's, zghzagh u ohrajn maghhom li jaqghu taht il-paramentri ta' din is-sejha. Bhala progett jigi jiswa €174,000 pero' huwa jistghu jaghtu sa massimu ta' €120,000 ghaldaqstant id-differenza tkun trid tinhareg mill-istess Kunsill. Gie innotat ukoll li l-Kunsill jista' jitlob ghal ghajnuna ulterjuri permezz tal-co-financing fund. Tonio Mifsud staqsa dwar min kien ser ikopri r-running costs. Gie spjegat li l-ghaqdiet li ser jaghmlu uzu minn dan il-hub huma voluntiera u ghaldaqstant bhala running costs ikunu f'idejn il-Kunsill. Is-Sindku qal li f'dan il-progett ried ikun hemm Ngo's involuti fejn l-ewwel ghazla kienet li jkun hemm l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni u l-Gharb Rangers FC pero' dan ta' l-ahhar ma kellux id-dokumenti kollha mehtiega lesti fil-hin u ghaldaqstant minflok iddahlet l-kumpanija ta' l-account tal-

Kunsill bhala business.

7.3.1 Is-Sindku qal li kien gie ikkuntatjat mill-grupp Sick and the Elderly fejn dawn xtaqu li jigi tkun installata AED fil-Pjazza taz-Zjara tal-Madonna. Gie spjegat li dawn jiswew madwar €3,000 jekk dawn ikunu ser jehlu fuq barra u jekk fuq gew il-prezz ikun inqas. Is-Sindku qal li bhala Kunsill irridu naraw kif jistghu jigu ffinanzjati u wera x-xewqa li tehel wahda f'kull pjazza jigifieri fi Pjazza taz-Zjara tal-Madonna, Pjazza Gerano u Pjazza San Pietru. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill innota li jrid jinsab sponsor ghal dan. Tonio Mifsud qal li l-ahjar nibdew b'wiehed sabiex ta' l-inqas ikollna wiehed fil-lokalita'. Is-Sindku qal li l-importanti li nindikaw li l-Kunsill huwa interessat li jkollu tlieta u mhux wiehed ghaliex il-poplu tal-Gharb jixraqlu l-ahjar. Hu zied jghid li ma ghandniex inkunu xhah mall-poplu. Qabel dawn ma jkunu imwahhla jrid jinghata kors dwar l-uzu taghhom. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel unanimament li ghandhom jkunu nstallati tliet AED's gewwa l-lokalita' u li dawn ghandhom ikunu installati fuq barra biex ikunu accessibli ghall-pubbliku generali.

7.3.2 Is-Sindku qal li zewg talbiet ghal bozoz godda wahda fi Triq Frangisk Portelli fi Sqaq nru 3 u ohra fi Triq Albert W. Ketelby. Il-Kunsill qabel ma' dawn it-talbiet.

7.3.3 Giet diskussa d-data ta' l-ikla tal-Milied fejn il-Kunsill qabel li ghandha ssir fit-22 ta' Dicembru f'nofsinhar.

7.3.4 Saret referenza ghal-laqgha annwali fejn din triq issir fl-ahhar ta' Dicembru. Il-Kunsill qabel li din issir wara l-laqgha tal-Kunsill liema data ser tigi deciza iktar 'il quddiem fil-laqgha hekk kif ikun wasal il-budget annwali u jinhadem il-programm ta' hidma ghas-sena 2020.

7.3.5 Is-Sindku semma l-lista' ta' attivitajiet li huma jistghu jigu inkluzi fil-kalendarju kulturali tal-lokalita' matul l-2020. Il-Kunsill qabel li ghandu jorganizza dawn l-attivitajiet imsemmija kif ukoll li l-kunsill ghandu jmexxi bil-preparamenti u l-akwist ta' servizzi.

## 07.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

7.4.1 Gew moqrija mistoqsijiet minghand Joseph Mizzi. L-ewwel mistqosija kienet titratta fuq kopja anzjana li toqghod fi Triq Frenc ta' l-Gharb u li qed titlob li jkollha disabled parking peress li wiehed minnhom ghandu l-blue badge. Giet diskussa din it-talba fejn il-Kunsill qabel li l-istess kopja

ghanda taghmel talba formali l-Kunsull sabiex tigi diskussa fid-dettal it-talba taghhom.

7.4.2 Giet moqrija mistoqsija ohra minghand Joseph Mizzi fejn saret referenza ghall-basketball nets fil-parti t'isfel tal-Leisure Park. Gie spjegat li dawn kienu gew ordnati ohrajn godda wara li l-Vici Sindku kien ressaq l-ilment ftit tal-jiem ilu li dawk li kien hemm ma kienx ghadhom hemm. Is-sett il-gdid ghandu jkun ghandna daqt fejn dawn ser jergghu jehlu fejn kienu.

7.4.3 Giet moqrija mistoqsija ohra minghand Joseph Mizzi fejn staqsa jekk jistghux isiru barriers bejn il-Playing Field u Bankina / Triq fejn il-Playing Field ta' Triq Birbuba u jekk hux possibli li jizdied xi equipment iehor. Is-Sindku qal li bhala barriers dawn kienu diga gew approvati fil-legislatura ta' qabel wara li kienet tressqet talba minghand Emanuel Muscat - Kunsillier. Filwaqt li bhala equipment irid jintalab lill-Perit jekk hux possibli li jizdied l-equipment anke peress li din kienet zona li taqa' taht ODZ kif ukoll trid tkun kalkulata l-area biex naraw jekk l-area tippermettix.

7.4.4 Joseph Mizzi staqsa meta ser issir il-lotterija tal-E-Bike li kienet saret fil-European Mobility Week. Gie deciz li din ghandha titella' fil-laqgha li jmiss.

## 07.5 Korrispondenza u Rapporti

07.5.1 Invit minghand Consiglia Azzopardi dwar tnedija ta' Ktieb bl-isem Maltese Lace.

07.5.2 Korrispondenza minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar PC65/19 fejn qeghda ssir talba ghal tibdil fil-linja. Gie spjegat li bhala policy il-Kunsill dejjem mexa li jekk ikun hemm bdil barra miz-zona ghandu joggezzjona. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem mall-Perit u jekk ikun hemm bdil ghandha ssir oggezjoni.

07.5.3 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet ghall-permess ta' zvilupp minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar:
PA08250/19, PA8276/19, PA8321/19, PA8371/19, PA8027/19, PA8062/19 u PA08186/19.

## 07.6 App tal-Kunsill Lokali l-Gharb

7.6.1 Is-Sindku spjega li fil-programm ta' hidma kien imwieghed App tal-Mobile fejn tkun tista’ tigi nkluza fiha informazzjoni u avvizi ghar-residenti u vizitaturi tar-rahal. Fil-jiem li ghaddew kumpanija baghtet email lil Kunsill Lokali kollha Maltin u Ghawdxin fejn offriet software li diga zviluppat €5000 minghajr VAT. Gie spjegat li din taqa’ taht id-direct order u allura tista’ tinxtara. Gie spjegat li software minn ricerka li ottjena l-ufficju jiswa hafna aktar flus. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel pero’ Tonio Mifsud jippreferi li jkun hemm kwotazzjoniet ohra.

## 07.7 Xogholijiet u Progetti

7.7.1 Is-Sindku spjega li fir-rigward tax-xoghol tat-tarmak f'Triq San Pietru, kif kien diga gie diskuss precedentament il-kuntrattur kien talab rati tal-FA 2013 u l-Kunsill kien talab lil Perit jaghti l-parir tieghu. Il-Perit kien qabel li jithallsu bir-rati tal-FA tat-2013 peress li dawk esistenti kien ilhom iktar minn 10 snin. Huwa zied jghid li l-Kunsill kellu *deadline* sat-8 ta’ Novembru sabiex jitlestew ix-xogholijiet u jipprezenta d-dokumenti ghaliex setghu jintilfu madwar €71,000. Joseph Mizzi staqsa x’baqa’ issa f' Triq San Pietru fejn s-Sindku spjega li ghad baqa’ xoghol fuq t-tappieri li ghad iridu jitrangaw u jimtela l-genb bil-konkos tat-triq bejn it-tarmak u l-faccati tar-residenti. Is-Sindku issugerixxa li anke f'din l-legislatura il-kontijiet tal-progetti tat-toroq u progetti ta' certu portata u li jkunu teknici ghandhom jithallsu fuq ic-certifikazzjoni tal-Perit. Tonio Mifsud talab li tajjeb li l-Kunsilliera jigu nfurmati li ser jinbeda x-xoghol anke permezz ta’ sms. Is-Sindku qal li dan diga ghamel referenza ghalih aktar ’il fuq u spjega li s-sitwazzjaoni baqghet pendenti sa l-ahhar minuta.

7.7.2 Gew diskussi x-xogholijiet fi Triq il-Madonna tal-Virtut fejn gie spjegat li s-Sibt inbeda t-tarmak pero’ minhabba x-xita qawwija x-xoghol kellu jieqaf. Sadanittant il-Perit flimkien mall-kuntrattur qeghdin jiddiskutu dwar din it-triq u l-Kunsill ser jigi infurmat dwar dan. Tkompliet id-diskussjoni fuq ix-xogholijiet fejn ghad irridu naraw jekk hemmx bzonn li titranga l-parti ta’ isfel jew jistax isir il-wicc mill-ewwel. Fuq dan il-Perit ser ikun qed jaghti direzzjoni tieghu diretta lill-kuntrattur u jikkopja lill-Kunsill. Is-Sindku qal li jekk it-temp jippermetti dan ix-xoghol ghandu issir mill-aktar fis possibli.

Is-Sindku irrifreska dwar il-posizzjoni dwar l-ahhar offerta li harget fejn waqt laqgha tal-Kunsill iddecida li ser javvicina lill-kuntrattur sabiex naraw jekk kienx lest jahdem bir-rati tal-FA 2013. Wara li l-kuntrattur kien imsejjah ghad-diskussjoni l-istess kuntrattur wera xettizmu u wara baqa’

ma wegibx, imkejja li ntbghatu diversi emails b'*dead lines* sabiex iwiegeb. Il-konkuluzzjoni hija li dan ma kienx lest jahdem bir-rati mitluba u allura kellha taqa' l-offerta u terga tinhareg offerta ohra. Il-Kunsill qabel jibqa' ghaddej bix-xoghol urgenti b'kuntrattur iehor bir-rati tal-FA 2013 u dan b' mod unanimu.

Ix-xogholijiet il-godda ghandhom jinhadmu bir-rati tal-offerta l-gdida. Ix-xoghol ippjanat ghat-toroq huma Triq l-Isqof M. Molina, Dahlet Maxwell li tghaddi minn Triq Mongur sa Triq Birbuba sa Triq Madonna tal-Virtut. Tonio Mifsud staqsa jekk jistax isir patching fi Triq Dahlet Maxwell u l-Kunsill qabel ma' din it-talba. Is-Sindku qal li fi Triq Mongur hemm parti fejn twesset it-triq minhabba l-zvilupp li sar jentiegilha ix-xoghol ta' wicc gdid u staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta. Joseph Mizzi qal li sewwa li f'din iz-zona ssir immanigjar tat-traffiku b'mod specjali fejn jirrigwardja l-parkegg. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.7.3 Il-Kunsill gie infurmat li fis-suq inharget ghat-tielet darba l-offerta ghall-bini tal-hitan tas-sejjieh taht il-progett M4.4. Gew diskussi l-membri tal-board fejn il-Kunsill qabel unanimament li jahtar lill-persuni ndikati fuq dokument A mall-minuti u li minhabba protezzjoni tad-data mhux qed jigu mnizzla l-ismijiet fuq il-minuti.

7.7.4 Joseph Mizzi staqsa dwar it-thawwil tas-Sigar fejn is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jistenna l-approvazzjoni min-naha tad-Dipartiment ta' l-artijiet. Huwa qal li l-Kunsill kien applika 1500 sigra minnghand Ambjent Malta u ohrajn minghand entita' ohra.

7.7.5 Is-Sindku qal li waqt li kien qed jattendi laqgha imsejha mid-Dipartiment kienu prezentati diversi esperti wiehed minnhom dwar tisbih tal-Pjazzez u zoni pubblici. Huwa ssugerixxa li bhala refurbishment jista' jsir tal-Pjazza San Pietru u pjazzez ohrajn. L-espert involut jaghmel biss visual presentation liema disinn jigi jiswa €50 kull wiehed. Is-Sindku ssugerixxa li jsir disinn tal-pjazza centrali – Pjazza taz-Zjara tal-Madonna, Pjazza Gerano, Pjazza San Pietru u Pjazzetta Nikol G. Cauchi. Huwa qal li l-espert jista' jara x'kien isir fil-passat u jikkreja disinn skond is-sitwazzjoni ta' kull pjazza. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment. Tonio Mifsud qal li fil-pjazzez hemm problema ta' parkegg u staqsa jekk hux possibli li jinhareg xi forma ta' skema sabiex jinkrew ghelieqi biex jintuzaw b'dan l-iskop. Gie spjegat li l-Kunsill kien diga hareg avviz ghall-interess b'dan l-iskop pero' hadd ma wera interess.

7.7.6 Tqajjmet diskussjoni dwar post imwaqqa fi Triq ta' Sdieri peress li huwa perikoluz. Is-Sindku informa lill-membri li min-naha tieghu huwa diga tkellem ma' l-avukat u qed jara tinstabx soluzzjoni. Il-problema hija li dan il-post qieghed ghand hafna werrieta. Gie spjegat ukoll li l-Kunsill kien diga kiteb lill-pulizija, Enemalta u entitajiet ohra dwar dan il-post.

## 07.8 Skrivan/a – Part-Time Flexible Hours

07.8.1 Is-Sindku qal li kif kien gie diskuss kienet inharget is-sejha ghall-skrivan/a fuq bazi part-time fejn l-ewwel inhareg internament u wara skond il-procedura ma' l-ETC. Gie spjegat li fl-ewwel fazi kienu applikaw 4 persuni pero' persuna wahda kienet giet ghall-intervista u li skond il-board ma kienetx tikkwalifika. Fit-tieni fazi kienet applikat persuna wahda u wara li saritilha l-intervista' il-bord kien irrakomanda li tigi approvata. Il-Kunsill inghata d-dettalji tal-persuna fejn il-Kunsill approva unanimament din il-persuna ghall-post ta' skrivan/a mall-Kunsill. Id-dettalji ta' din il-persuna qeghdin jigu annessi bhala dokument B mall-Minuti minhabba l-protezzjoni tad-data.

## 07.9 Festival Novembru 2019

07.9.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsill ghandu l-opra fl-apert u l-festival Make Music Great li ser ikun taht il-patroncinju tal-Ministru ghal Ghawdex. Huwa qal li fil-gurnata tas-Sibt ser tkun prezenti l-banda Spanjola u l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni ser ikunu qed jinghaqdu flimkien biex idoqqu. F'din l-istess gurnata gie propost li l-Gharb Rangers FC jiehdu hsieb l-ikel tal-gurnata. Ghal-gurnata tal-Hadd kif diskuss precedentament ser ikunu prezenti karozzi klassici fejn jidher li ser ikun hemm total ta' madwar 90 vettura. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie innotat li ser tinghata ghajnuna. Flimkien ma' dawn il-Kunsill ra l-possibilita' li jinkludi l-partecipazzjoni ta' gruppi folkloristici, gruppi ta' zfin u bands ohra. Il-program jinbeda fid-9am minn Triq ta' Sdieri u jibqa' tiela sal-Pjazza taz-Zjara tal-Madonna. L-ideja tal-Kunsill hija li dawn ikunu jistghu jipparkjaw fi Triq Frenc ta' l-Gharb. Is-Sindku innota li wiehed mis-sidien ta' dawn il-vetturi ser jigi sabiex jiddiskuti fuq il-post. Tonio Mifsud issugerixxa li jsir avviz ghal dawk li jkunu interessati li jidhlu f'wahda minn dawn il-vetturi. Gie innotat li dan diga sar u ahjar min hekk l-Kunsill ser jistaqsi lis-sidien dwar dan. Il-Kunsill qabel unanimament mall-programm kif diskuss u qabel li l-membri li huma ghandhom biljett b'xejn.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

**07.10 Permess ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar Numru PA8321/19**

07.10.1 Is-Sindku spjega li giet sottmessa applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA8321/19 fejn sid ta' eghlieqi gewwa Sqaq l-Arcipriet kien qed japplika ghall-zvilupp fejn milli jidher kien ser issir xi forma ta' zvilupp li jaghlaq l-access mill-isqaq ghall-eghlieqi. Gie spjegat li madwar tlett snin ilu l-istess sid kien ghamel gate fejn inghalaq l-access ghall-bdiewa ghajr ghall-bdiewa li kienu jahdmu l-eghlieqi tieghu. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja fejn il-Kunsill ried li jara li jekk joggezzjona ghandux bazi fuq x'hiex issir. Gie spjegat li l-Perit tal-Kunsill kien gie ikkuntatjat f'dan ir-rigward fejn huwa spjega li l-partijiet fejn qed jigi propost l-izvilupp fuq il-gmub huma brown area filwaqt li dik il-parti tan-nofs hija white area li fi kliem iehor tfisser li ma tistax tinbena. Gie spjegat ukoll li precedentament il-Kunsill kien diga objector. Il-Kunsill kompla jiddiskuti fejn sar qbil unanimu li ghandha ssir ogezzjoni min-naha tal-Kunsill fejn ir-residenti / bdiewa kkoncernati jigu kkuntatjati sabiex jekk jixtiequ jiffirmaw petizzjoni bhala ogezzjoni ukoll li tinghaqad ma' dik tal-Kunsill.

**07.11 Kalendarju Kulturali 2019**

07.11.1 Din il-materja diga giet diskussa precedentament fl-istess laqgha.

**07.12 Skeda ta' Pagamenti**

07.12.1 Tonio Mifsud staqda dwar il-kontijiet segwenti:

Kont ta' Abraham Supplies. Gie spjegat li dan kien il-kont tal-kok inkluz il-materjal ghall-Herb Festival.

Kont ta' Reno Rapa - Gie spjegat li dan kien jinkludi fih xoghol relatat mall-Kite and Wind Festival.

Kont ta' Mario Cordina – Gie spjegat li dan kien jinkludi t-shirts li inxtraw ghall-Clean Up the World kif ukoll ghall-Kite Festival.

Kont ta' Manuel Mercieca – Gie spjegat li dawn kienu kontijiet ta' mwejjed u siggijiet bhala parti mill-weekend ta' attivitajiet tal-European Mobility Week u tal-Herb Festival.

Kontijiet tal-xogholijiet li saru fil-widien. Gie spjegat li dawn kienu

xogholijiet li saru fil-widien bhala parti mill-kampanja Clean up the World li kienu sponsorjati mill-iskema relatata mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, mill-Ministeru ghal Ghawdex u parti ohra mill-fondi tal-Kunsill kif kien gie maqbul f'laqgha precedenti.

Tonio Mifsud staqsa jekk kienx sar ix-xoghol minhabba l-problema ta' ilma fir-residenza fil-Pjazza. Gie spjegat li r-residenza kienet ghadha ma ddecidietx x'tixtieq u ghaldaqstant ix-xogholijiet kien ghadhom ma sarux.

L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

07.12.2 Tonio Mifsud staqsa dwar l-attivita' tal-Milied fejn gie spjegat li fit-12 ta' Dicembru mhux ser ikunu jistghu jtellghu' l-kuncert tal-Milied it-tfal ta' l-iskola primarja minhabba li l-ghalliema mhux ser ikunu disponibbli. Il-Kunsill ghaldaqstant iddiskuta kif tista' tigi mtella' xorta attivita' ghall-jiem tal-Milied bis-sehem tal-korijiet ta' l-Gharb u bis-sehem tal-kor tal-festa. Tonio Mifsud issugerixxa ukoll li ssir wirja tal-Milied gewwa c-Centru Parrokkjali. Is-Sindku talab lil Tonio Mifsud biex jiehu hsieb din il-bicca tax-xoghol imma dan ma weriex interess. Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem ma' l-Arcipriet dwar dan. Miriam Borg issugeriet li tinstab kopja b'tarbija zghira sabiex isiru presepju zghir haj fejn min jattendi ghall-attivita' jkun jista' jiehu ritratt ta' l-okkazjoni. Il-Kunsill iddiskuta aktar dwar din il-proposta u qabel li ghandu jinstab post fil-pjazza fejn tista' ssir. Kien issugerixxa ukoll li jigu kkuntatjati NGO's u ohrajn maghhom sabiex isir suq tal-Milied. Is-Sindku min-naha tieghu ghanda issir xi haga li tohloq senzazjoni u tkun unika. Huwa qal li dan mhux bil-fors irid isir matul din is-sena imma jista' jigi implimentat ghal sena ohra. Il-Kunsill kompla jiddiskuti dwar x'jista' jinkludi fih il-program u qabel li skond dak disponibbli jtella' program.

**07.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

06.17.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 18 ta' Dicembru, 2019 fid-9.30am.

06.17.2 Il-laqgha spiccat fis- 1.11 pm.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv